MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2014

Rikors Numru. 320/2014

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv Nru. 206/2013/LSO fl-ismijiet:-**

**Dr Carmel Chircop (K.I.35164M)**

**vs**

**Louis Farrugia (K.I.870552M)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta’ Louis Farrugia (K.I.: 870552M) ipprezentat fil-15 ta’ April 2014 fejn talab lil din il-Qorti sabiex thassar u tirrevoka l-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv Nru.206/2013 fl-ismijiet "Dr. Carmel Chircop (K.I.35164M) vs Louis Farrugia” fit-termini tal-Artikolu 281 tal-Kap. 12 dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrulha xierqa u opportuni.

L-istess rikorrent ippremetta li permezz ta' digriet tal-15 ta' Frar 2013, inhareg il-mandat ta' sekwestru imsemmi sabiex jigi ezegwit kreditu ta' "Sorte: erbat elef disgha mija u sitta u disghin ewro (€4,996) li minnhom €762.21 huma VAT; Imghax: Spejjez tal-prezenti mandat: €196.07 spejjez taxxa annessa li minnhom €11.18 huma VAT, b'kollox €5,192.07" a bazi ta' "titolu ezekuttiv" konsistenti fi drittijiet tal-avukat ezekutant fil-kawza "C&M Development Ltd vs Louis Farrugia" et res ezekuttiv b'ittra ufficjali numru 42/2013. (**DOK A);**

Ir-rikorrent qieghed jimpunja tali mandat *ai termini* tal-Art. 281 tal-Kap. 12, ghas-segwenti ragunijiet :

1. Illi t-titolu ezekuttiv li fuqu qed jigi msejjes il-mandat u cioe` t-taxxa ta' drittijiet u spejjez fir-rigward tal-kawza fl-ismijiet "C&M Development Ltd vs Louis Farrugia et" hija nulla *stante* li meta giet notifikata lill-esponenti permezz ta' ittra ufficjali ma kinetx ufficjali *stante* li ma kinetx iffirmata mir-Registratur u kwindi ma setghetx tigi attakkata u/jew ezegwita u

ghalhekk ma japplikawx id-dispozizzjonijiet tal-Art.253 tal-Kap. 12. Kopja tal-ittra ufficjali tinsab annessa u mmarkata "Dok. B";

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ittra ufficjali li fuqha hu msejjes l-allegat titolu ezekuttiv hija nulla *stante* li giet prezentata quddiem qorti li ma tezistix ossia "Fil-Qorti Prim Awla Civili" kif jirrizulta mill-istess ittra ufficjali formanti parti mill-mandat u kwindi japplikaw id-dispozizzjonijiet tal-Art. 98 tal-Kap. 12;

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-ftehim bejn is-socjeta` esponenti u l-Avukat Carmel Chircop kien li dan jahdem fuq bazi ta' *retainer* tant li permezz tal-kawza fl-ismijiet "Avukat Carmel Chircop vs Dolphin lndustrial Services Limited et" liema kawza tinsab pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti, qieghed jitlob il-hlas ta' drittijiet professjonali u spejjez varji li jammontaw ghal **aktar minn mija u hamsin elf ewro (€150,000).** F'dan ir-rigward irid jigi rilevat li l-istess Avukat Chircop diga` ttenta jezigi hlas tat-taxxa mertu tal-odjern rikors minghand is-socjeta` Dolphin Industrial Services Limited permezz ta' proceduri gudizzjarji tant li nhareg anke mandat ta' Qbid Ezekuttiv Nru. 1024/2012CP fl-lsmijiet "Dr. Carmel Chircop (K.I. 35164M) u P.L Edgar Montanaro (K.1. 22049M) vs Dolphin Industrial Services Ltd (C28232), liema mandat gie revokat. Il-fatt biss li l-imsemmi mandat inhareg kontra s-socjeta` li taghha l-esponenti hu azzjonista jkompli jsahhah li l-istess Avukat Chircop kellu ftehim ta' *retainer* mas-socjeta` imsemmija liema ftehim kien jinkludi wkoll xoghol tad-diretturi u ghalhekk mhemmx lok li jezigi hlas addizzjonali minghand id-diretturi personalment;

4. IIli fi kwalunkwe kaz, l-Avukat Chircop ma mexiex skont il-procedura li trid il-ligi dwar l-ezekuzzjoni ta' drittijiet professjonali in kwantu dan jolqot it-taxxa fuq il-valur mizjud u senjatament il-procedura

stabbilita fis-sitt partita tal-Erbatax-il Skeda tal-Att dwar Taxxa fuq Valur Mizjud (Kap. 406) peress li naqsu milli jehmzu fattura ta' taxxa jew ricevuta fiskali jew kopja awtentika taghha mat-taxxa ufficjali li giet notifikata;

Rat id-digriet tas-17 ta' April 2014 fejn il-Qorti appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghas-6 ta' Mejju 2014, u ordnat in-notifika tal-istess rikors lill-kontro-parti b'ghaxart ijiem (10) zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-Avukat Carmel Chircop datata 30 ta' April 2014 fejn oppona ghat-talbiet tar-rikorrent billi ssottometta s-segwenti: -

1. Riferibbilment ghall-ewwel punt jghid li fuq l-ittra ufficjali, kopja taghha pprezentata mir-rikorrent stess u mmarkata Dok B, hemm il-firma u t-timbru ta' Kenneth Grech, deputat registratur.

2. Fuq l-intestatura tal-att, issottometta li l-kliem imnizzla- “Fil-Qorti Prim Awla Civili" flok "Qorti Civili, Prim' Awla” hu insignifikanti li certament ma jigustifikax in-nullita` tal-mandat in kwistjoni.

3. Riferibbilment ghall-fatt li naqas milli jehmez fattura ta' taxxa jew ricevuta fiskali jew kopja awtentika taghha issottometta li l-argument tar-rikorrent huwa totalment zbaljat. Huwa, permezz tal-ittra ufficjali datata 9 ta' Jannar 2013, ghamel talba ghal hlas dovut lilu skont it-taxxa gudizzjarja. L-ircevuta fiskali tinhareg biss wara li l-esponent johrog il-fattura jew jircievi l-pagament minghand ir-rikorrent. Tant huwa hekk, li kieku l-esponent hareg diga` l-ircevuta fiskali kien ikollu jhallas il-gvern il-VAT u t-taxxa dovuti minghajr ma jkun ircieva hlas minghand ir-rikorrent,

aktar u aktar meta dan qieghed lanqas hallas u qed jitlob ir-revoka tal-istess mandat ezekuttiv.

4. Riferibbilment ghall-lanjanza li huwa kien jithallas mis-socjeta` Dolphin Industrial Services Limited *retainer* filwaqt li irrikonoxxa li kellu ftehim bi hlas fuq *retainer* mas-socjeta` ***Dolphin Industrial Services Ltd*** rigward servizz ta' konsulenza kummercjali, dan ma kienx ikopri xoghol gudizzjarju. L-esponent ma kienx thallas mis-socjeta` Dolphin Industrial Services Ltd u ghalhekk kellu jaghmel kawza kontra l-istess socjeta` ghal hlas. Il-hlas ta' xoghol gudizzjarju ma huwiex parti mit-talbiet ta' dik il-kawza.

L-intimat ghamel referenza ghall-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz fl-ismijiet "***Edward Pace - vs- Michael Sultana et"*** [rikors numru 287/2005 JRM] f'kaz simili ghal dak odjern.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-8 ta' Mejju 2014 fejn meta ssejjah ir-rikors deher l-intimat ezekutant Dr. Carmel Chircop. Deher Louis Farrugia assistit minn Dr. Jonathan Abela Fiorentino, li assocja ruhu fil-patrocinju ta' l-istess, u Dr. John Bonello ghall-istess. Id-difensuri tal-partijiet qablu li l-kopja tal-Mandat ta' Sekwestru esebit a fol 4 *et seq* tal-process, hija kopja awtentika tal-mandat ta' sekwestru originali li skont ma jallega l-Avukat Bonello jinsab mitluf fir-Registru, u jippreciza li l-original hargu hu, ghaddieh lil PL Davina Sullivan, u dan ma giex ritornat, jew minnha jew minghand terzi.

Il-Qorti ordnat lir-Registatur Qrati Civili sabiex jinvestiga u jifittex l-original.

Xehdu bil-gurament Louis Farrugia, u Dr. Carmel Chircop liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika.

Rat it-talba ta' Dr. John Bonello ghar-rikorrenti li *in vista* tal-fatt li l-mertu ta' dan ir-rikors huwa identiku ghall-mertu ta' rikors iehor, jigu allegati l-atti tar-rikors ghar-Revoka ta' Mandat numru 460/2013/JPG, deciz minn din il-Qorti diversament ippressjeduta fil-15 ta' Lulju 2013. Dr Chircop ma opponiex. Il-Qorti ghalhekk wara li rat li t-talba mhix opposta laqghet t-talba u ordnat l-allegazzjoni ta' l-atti imsemmija. Id-difensuri tal-partijiet trattaw ir-rikors.

Ir-rikors gie differit ghad-digriet ghall-15 ta' Mejju 2014.

Rat in-nota ta' Dr. John Bonello tas-7 ta' Mejju 2014.

Rat in-nota tar-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali tad-9 ta' Mejju 2014.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha pprezentati.

## II. Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

**Ikkonsidrat li dan ir-rikors jirrigwarda talba ghar-revoka ta' Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv Numru 206/2013 *ai termini* tal-artikolu 281 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe`, minhabba raguni valida skont il-Ligi.**

Illi r-rikorrent Louis Farrugia permezz ta' rikors datat 15 ta' April 2014 qieghed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti thassar u tirrevoka l-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv numru 206/13 mahrug fil-15 ta' Frar 2014 fl-ismijiet "***Dr. Carmel Chircop - ID 35164M -v- Louis Farrugia - ID 870552M."*** Dan il-Mandat sar in ezekuzzjoni ta' taxxa gudizzjarja rigward il-kawza "***C&M Development Ltd -vs- Louis Farrugia et***" (Kawza Nru 1238/09 CFS).

L-ammont mertu tal-mandat huwa ta' €4996 li minnhom €762.21 huwa VAT, *piu`* somma addizzjonali ta' €196.07 spejjez tal-istess mandat "*li minnhom €11.18 huma VAT."*

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DRITT**

Ikkonsidrat li dan ir-rikors sar abbazi tal-**Artikolu 281 tal-Kap 12** tal-Ligijiet ta' Malta fejn huwa moghti d-dritt lill-persuna li jinhareg kontra taghha mandat ezekuttiv sabiex jaghmel rikors fejn jintalab li l-istess mandat jithassar ghal kollox jew parti minnu, ghar-raguni skont fil-ligi.

Kif gie ribadit minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz "***Edward Pace v Michael Sultana"*** (PA JRM - Rik 287/05 - dec fil-5 ta' Mejju 2005) "*Illi l-ligi ma tghidx x'tista' tkun "raguni valida skont il-ligi", li nsibu fl-imsemmi artikolu. Madankollu, in generali, jista' jinghad li mandat jista' biss jigi attakkat kemm-il darba jkun inhareg minn Qorti zbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma*[1]*. Meta l-ligi riedet tfisser f'liema cirkostanzi*

[1] P.A. AJM **14.11.1994** fil-kawza fl-ismijiet ***Josephine Spiteri vs Anthony Perry et*** (digriet interlokutorju)

*jista' jintalab il-hrug ta' Kontro-mandat, dan qalitu u fissritu b'reqqa, per ezempju, fl-artikolu 836, li jitkellem dwar Mandati kawtelatorji. Il-Mandat mertu ta' l-kawza prezenti m'huwiex Mandat kawtelatorju".*

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti ser tghaddi biex tindirizza l-punti sollevati mir-rikorrent fid-dawl ukoll tar-risposta tal-intimat odjern.

**1. Nullita` tat-Titlu Ezekuttiv**

Ir-rikorrent ezekutant jghid li t-taxxa li fuhqa inhareg il-Mandat odjern mhiex titlu ezekuttiv u hija nulla ghaliex meta giet notifikata lir-rikorrent ma kenitx iffirmata mir-Registratur.

Il-Qorti tibda biex tghid li skont kif gie verbalizzat fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2014, l-atti originali tal-mandat huma mitlufa.[2] Difatti t-taxxa li giet esebita hija dik annessa ma' ittra ufficjali mibghuta mill-intimat lir-rikorrent fid-9 ta' Jannar 2014[3]. Din it-taxxa mhix iffirmata la mir-Registratur u lanqas minn Deputat Registratur imma minn certu Dorianne Borg. Fuq dan id-dokument insibu l-kiem " ***N.B. Din it-Taxxa trid tkun iffirmata minn Deputat Registratur biex tkun ufficjali*.**"

Innotat li l-mandat ezekuttiv, li kopja tieghu hija esebita a fol. 4 tal-atti, jghid hekk:"*Titolu Ezekuttiv: drittijiet tal-Avukat fil-kawza C & M Development LTD v Louis Farrugia et res ezekuttiv b'ittra ufficjali nru. 42/13, kopja tal-ittra u taxxa annessi."* (Sottolinear ta' din il-Qorti).

[2] L-atti imbaghad instabu fil-mori.
[3] Itt Uff 42/2013

Eventwalment l-att originali tal-mandat gie esebit fil-mori tad-differiment. Jirrizulta li t-taxxa tad-drittijiet professjonali tal-intimat mhux iffirmat minn deputat registratur filwaqt li t-taxxa annessa mal-mandat rigwardanti l-ispejjez tal-procedura fl-ammont ta' €196.07 hija ffirmata mid-deputat registratur.

Fic-cirkostanzi, din il-Qorti taqbel mat-tezi tar-rikorrent odjern in kwantu li l-mandat ezekuttiv hu karpit b'difett ta' forma tali li twassal ghan-nullita' tal-istess.

Skont **l-artikolu 64 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta "** *L-ispejjeż ġudizzjarji jiġu ntaxxati u likwidati mir-reġistratur..*."

Skont l-**artikolu 58(5) Kap 12 "**(6) *Id-dmirijiet tar-reġistratur, inkluż kull dmir matul is-seduti tal-qrati, għandhom jiġu mwettqa mir-Reġistratur innifsu jew minn dawk il-persuni oħra jew minn uffiċjali eżekuttivi tal-qrati li l-*

*Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' jaħtar, jew fin-nuqqas ta' ħatra ta' din ix-xorta, minn kull persuna maħtura għalhekk mir-Reġistratur, u ħatra ta' din ix-xorta tista' wkoll tispeċifika ddmirijiet li għandhom jitwettqu minn kull persuna jew uffiċjal bħal dawn."*

L-ufficjali ezekuttivi tal-Qrati huma elenkati fl-Avviz Legali 139 tal-2004[4] senjatament fis-**sub-regolament 8** li jiddisponi hekk:-

[4] Regolamenti ta' l-2004 dwar il-Procedura Civili (Regolament tar-Registri, Arkivji u Funzjonijiet tad-Direttur Generali tal-Qrati u ta' Ufficjali Ezekuttivi tal-Qorti Ohra.

**"8.** *(1) Kemm-il darba ma jigix stabbilit xort'ohra bil-ligi, ir-Registratur, Qrati Civili u Tribunali u r-Registratur Qrati u Tribunali f'Ghawdex ghandhom jesegwixxu d-dmirijiet taghhom jew personalment jew tramiti Ufficjali Ezekuttivi tal-Qorti.*

*(2) L-Ufficjali Ezekuttivi tal-Qorti huma :*

*(a) ir-Registratur, Qrati Civili u Tribunali;*

*(b) ir-Registratur, Qrati u Tribunali f'Ghawdex;*

*(ç) l-Assistenti Registraturi;*

*(d) id-Deputati Registraturi;*

*(e) l-Assistenti Gudizzjarji;*

*(f) l-iSkrivani tar-Registru;*

*(g) l-Attwarji;*

*(h) l-Assistenti fil-Qorti;*

*(i) il-Marixxalli, inkluzi Marixxalli Principali u Anzjani;*

*(j) il-Purtiera, inkluzi l-Purtiera Anzjani;*

*(k) Messaggiera tal-Qorti;*

*(l) Recorders Anzjani fil-Qorti, inkluzi Recorders in*

*Charge fil-Qorti;*

*(m) Min jinnotifika Process Gudizzjarju; u*

*(n) dawk il-persuni l-ohra li d-Direttur Generali tal-Qrati jew id-Direttur, Qrati u Tribunali f'Ghawdex, skont il-kaz, jista' jappunta ghal dak l-ghan."*

Jirrizulta car mill-formola tat-taxxa annessa mal-ittra ufficjali, mahruga mir-Registru tal-Qorti, li l-iskrivana li ffirmat it-taxxa mhiex delegata biex tirraprezenta lir-Registratur tal-Qrati fil-funzjoni tieghu ta' intaxxar ta' spejjez gudizzjarji, altrimenti ma kienx ikun hemm il-htiega tal-avviz fuq imsemmi li jinsab miktub fuq il-formola innifisha. Lanqas ma hi, din l-iskrivana, wahda mill-ufficjali ezekuttivi elenkati fir-regolament premess.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tqis li t-titolu ezekuttiv hu monk minnhabba difett ta' forma u li ghalhekk ir-rikorrent irnexxielu jgib raguni gusta ghar-revoka tal-mandat ezekuttiv odjern.

Il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tidhol fir-ragunijiet ohra moghtija, izda *stante* li dan id-digriet huwa appellabbli, ser tghaddi xorta wahda biex tindirizzahom.

**<u>2. Intestatura tal-Ittra Ufficjali</u>**

Ir-rikorrent qed jilmenta dwar l-indikazzjoni tal-Qorti fl-ittra ufficjali "*Fil-Qorti Prim Awla Civili*" li jghid ma tezistix. Il-Qorti tikkonsidra li dan l-ilment hu fieragh. Qabel xejn tinnota li taxxa validament mahruga tikkostitwixxi fiha innifisha t-titolu ezekuttiv. Notifika ta' att gudizzjarju hu mehtieg mhux ghar-raguni ta' validita' tat-titlu fih innifsu imma sabiex jiskatta il-jumejn zmien ghall-esegwibbilta` tal-istess.

Fil-kaz odjern, mhuwiex it-titlu li ghandu difett ta' forma imma l-ittra ufficjali li ghandu l-inakuratezza xejn felici fl-indikazzjoni tal-Qorti: "*Qorti Prim'Awla Civili*" minnflok "*Prim Awla tal-Qorti Civili* ".

Fil-fehma tal-Qorti dan ma jgibx in-nullita' tal-ittra ufficjali. L-ewwel nett il-Kodici tal-Organizzazzjoni u tal-Procedura Civili stess titkellem dwar sezzjonijiet diversi tal-"*Qorti Civili*" u ma hemm xejn li ghandu jwassal ghall-konkluzjoni li l-intestatura kif miktuba mhiex soggetta ghall-korrezzjoni, u kwindi sanabbli galadarba l-Qorti hija indikata bhala "*Prim Awla Civili " (Ara* proviso tal-artikolu 789 Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta)*.* Fit-tieni lok, din il-Qorti tqis li dan *semmai* gie sanat mill-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru ezekuttiv li hu ordni tal-Qorti kompetenti. Tinnota li l-mandat intalab mill-"*Prim'Awla tal-Qorti Civili".*

Ghalhekk issib li din il-lanjanza hija bla bazi.

**3. Ftehim ta' hlas fuq *retainer* bejn l-ezekutant u Dolphin Industrial Services Ltd. li huwa l-mertu ta' proceduri f'kawza ohra pendenti mal-Avukat Chircop.**

Fil-fehma tal-Qorti, it-talba tar-rikorrent fuq din il-bazi mhiex gustifikabbli. It-taxxa gudizzjarja tirreferi ghad-drittijiet u spejjez inkorsi mill-Avukat Carmel Chircop fl-espletazzjoni tal-inkarigu tieghu ta' avukat f'kawza prestata lil Louis Farrugia, fil-*veste* personali tieghu. Dan gie ammess mill istess Louis Farrugia meta xehed *viva voce* quddiem din il-Qorti. Jekk ir-rikorrent odjern ried jimpunja t-taxxa, kellu r-rimedju tar-ritassa u, *inoltre, oltre* rimedji ohra kontra l-intimat odjern. Izda *ex admissis* ma ghazilx din it-triq. Il-Qorti hija soddisfatta mix-xhieda tal-Avukat Chircop li r-*retainer* jirrigwarda prestazzjonijiet tieghu lejn kumpanniji kummercjali u m'ghandu x'jaqsam xejn mad-dritt dovut lilu bhala avukat fil-kawza C & M Development Limited v Louis Farrugia et."

Kif gie ritenut mill-Qrati taghna, f'materja ta' revoka ta' titlu ezekuttivi, il-Qrati ghandhom funzjoni iktar ristretta proprju ghaliex *si tratta* ta' titlu ezekuttiv fejn il-mertu hu gja deciz.

Ir-rikorrent issottometta li l-Avukat Chircop kien ottjena l-hrug ta' Mandat ta' Qbid Ezekuttiv (Nru.669/2013) u dan gie revokat b'Digriet ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta (mhux appellata) tal-15 ta' Lulju 2013. Kopja ta' dan id-digriet hu esebit a fol 8 *et.seq.* tal-process u gew allegati l-atti tal-istess.[5]

F'dak id-Digriet gie ritenut li l-Mandat ta' Qbid Ezekuttiv, mertu ta' dawk il-proceduri, inhareg meta kien hemm kontestazzjoni serja fuq il-pretensjonijiet tal-kreditur ezekutant, cioe` "*kien hemm kontestazzjoni fuq ix-xoghol legali li jikkomprendi r-retainer tieghu. Ghalhekk il-mandat ezekuttiv qatt ma messu inhareg qabel il-proceduri intavolati bejn il-partijiet, <u>precizament fuq din il-vertenza</u> ma gewx decizi fuq il-mertu b'mod finali." (*enfasi ta' dik il-Qorti).

Ghar-ragunijiet fuq dedotti, din il-Qorti gja uriet li ma taqbilx li din il-Qorti ghandha tidhol fuq il-mertu ta' titlu ezekuttiv. Inoltre, fix-xhieda li nghatat *viva voce,* **Louis Farrugia,** in kontro ezami, qal li l-art li hija l-mertu tal-kawza C & M Development Limited v Louis Farrugia et tappartjeni lilu personalment u mhux lill-kumpanija li maghhom l-intimat odjern kellu ftihem ta' *retainer.* Il-kumpanija *Dolphin Services Limited* lanqas mhi parti tal-kawza intaxxata.

## <u>4. Taxxa fuq il-Valur Mizjud</u>

[5] Rikors Revoka 460/13 JPG

Ir-rikorrent, in sostenn tat-tezi tieghu, ghamel riferenza ghall-Kap 406 tal-Ligijiet ta' Malta u jghid li l-Avukat Chircop kellu jehmez fattura ta' taxxa jew ricevuta fiskali jew kopja awtentika taghha mat-taxxa ufficjali li giet notifikata. Dwar dan l-intimat irribatta li permezz tal-ittra ufficjali talab il-hlas ta' dak dovut lilu. L-ircevuta fiskali tinhareg wara li jircievi l-hlas u mhux qabel jew wara li johrog fattura.

Il-Qorti ezaminat l-14-il skeda tal-Kap 406 li jghid, fir-regolament 5(3) u (4) dan li gej:-

*"5 (3) F'kull kawża għat-twettiq tat-titolu ezekuttiv imsemmi fl-artikolu 253(ċ) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, l-ammont li għalih il-ħlas jista' jkun esegwibbli għandu jkun l-ammont li jintwera fit-taxxa tal-ispejjeż in kwistjoni miżjud b'kull taxxa li għandha titħallas fuq il-provvista ta' servizzi professjonali li għalihom tirreferi t-taxxa tal-ispejjeż kif ippruvat permezz ta' fattura ta' taxxa jew irċevuta fiskali jew kopja awtentika tagħha, mehmuża mal-imsemmija taxxa.*

*(4) Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (3) ta' din il-partita għandhom ikunu bla preġudizzju għad-dritt tad-debitur li jitlob li jingħata l-fattura ta' taxxa jew irċevuta fiskali oriġinali skont il-partita 6 ta' din it-Taqsima."*

Skont dan ir-regolament, ghalhekk, jirrizulta li l-ammont ta' taxxa esegwibbli ghandu ikun l-ammont li jintwera fit-taxxa tal-ispejjeż in kwistjoni miżjud b'kull taxxa li għandha titħallas fuq il-provvista ta' servizzi professjonali li għalihom tirreferi t-taxxa tal-ispejjeż <u>kif ippruvat</u>

permezz ta’ fattura ta’ taxxa jew irċevuta fiskali jew kopja awtentika tagħha, mehmuża mal-imsemmija taxxa (enfazi ta' din il-Qorti).

Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti kif diversament presjeduta fid-decizjoni taghha fir-Rikors 460/2013 fuq citat, gustament ikkonkludiet li l-ammont ta' V.A.T. indikat fil-mandat, (u l-istess fil-mandat odjern) huwa "*biss stima tal-V.A.T. dovut."* Biex dan l-ammont ikun esegwibbli, l-Avukat kellu jehmez fattura ta' taxxa.

Ghalhekk din ir raguni hija wkoll gustifikazzjoni ghar-revoka tal-mandat odjern.

Abbazi ta' dawn il-konsiderazzjonijiet it-talba tar-rikorrenti ghandha tigi milqugha in kwantu li t-titolu ezekuttiv hu monk minhabba difett ta' forma peress li t-taxxa mertu tal-mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv Nru 206/2013 *de quo* mhiex wahda ufficjali u b'hekk ghadha mhiex titlu ezekuttiv. *Inoltre* l-ammont mitlub bhala V.A.T. mhiex ezegwibbli peress li ma gietx mehmuza fattura tal-VAT skont il-ligi. It-talba ghall-hrug ta' mandat ezekuttiv ghaldaqstant ma tkoprix ammont li hu esegwibbli fl-intier.

## **<u>III. KONKLUZJONI</u>**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda tiddeciedi t-talba tas-socjeta` rikorrenti billi filwaqt li tichad dawk ir-ragunijiet moghtija fit-tieni (2) u fit-tielet (3) paragrafi tar-rikors promotur:

**Tilqa' t-talba** ghat-thassir tal-Mandat ta' Sekwestru ezekuttiv numru 206/13 fl-ismijiet premessi, billi hija gustifikata abbazi tar-ragunijiet moghtija fl-ewwel (1) u fir-raba ' (4) paragrafi tar-rikors promotur, bl-**ispejjez, kontra l-intimat.**

**Moqri.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------